MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 270/2006

**Maria Dolores Attard u Leonard Attard**

**vs**

**Francois u Lisa konjugi Ganado**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Settembru 2006 fejn talbu lil din il-Qorti li permezz ta' avviz ipprezentat fit-30 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Francois Ganado et vs Leonard Attard et (Avviz numru: 326/05SM), l-intimati ritrattati talbu l-hlas tas-somma ta' elfejn u erbgha mitt lira Maltija (Lm2,400) (Dok MA1);

Li permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Mejju 2006, it-talba ta' l-intimati ritrattati giet milqugha u l-Qorti kkundannat lill-esponenti jhallsu s-somma ta' elfejn tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm2,320) bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 2004 (Dok MA 2);

Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-avviz tat-talba ma giex notifikat lill-esponenti Maria Dolores Attard.

Illi l-intimati ritrattati baghtu ittra legali datata 26 ta' Gunju 2006 li permezz taghha gew interpellati jhallsu skond is-sentenza fuq citata (Dok MA 2). Kien biss f'dan l-istadju li l-esponenti saret taf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri.

Illi apparti dan is-sentenza fuq imsemmija ttiehdet mill-intimati ritrattati minhabba qerq da parti taghhom;

Illi ghallhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Francois Ganado et vs Leonard Attard et (Avviz numru:326/05SM) ghar-ragunijiet moghtija fl-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -

1. Tirrevoka, u thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet Francois Ganado et vs Leonard Attard et (Avviz Nru: 326/05SM) ghar-raguni moghtija fl-Artikoli 811(a) u 811(b) tal-Kap 12.

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ritrattati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Francois u Lisa Ganado fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

2. Illi r-rikorrenti Attard huma mizzewgin u jghixu flimkien fl-istess dar u mill-process jirrizulta illi notifika saret.

3. Illi mhuwiex minnu li l-mara u cioe’ Maria Dolores Attard saret taf biss bl-ezistenza tal-kawza tramite l-ittra legali datata 26 ta’ Gunju, 2006 u dan peress li ntbaghtu diversi ittri bonarji u ittra ufficjali datata 30 ta’ Lulju 2004.

4. Illi l-konjugi Attard kienu jafu bil-kawza u semplicement ma hadux interess fl-andament taghha u qed jippruvaw issa jpattu ghal dan in-nuqqas taghhom permezz ta’ dawn il-proceduri.

5. Illi l-allegazzjoni li s-sentenza ttiehdet mill-intimati ritrattati b’qerq da parte taghhom hija inveritiera ghal kollox u r-rikorrenti ghandhom jaghmlu referenza cara illi jikkjarifikaw x’kien dan il-qerq li qed jallegaw.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ritrattandi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija wahda ta’ ritrattazzjoni wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta’ Mejju 2006 fejn ir-rikorrenti odjerni gew ikkundannati jhallsu lill-intimati elfejn u tlett mitt lira oltre interessi. Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi huma ma kienux gew validament notifikati, ma kienux jafu b’dik is-sentenza u kwindi qeghdin jitolbu r-revoka taghha a bazi ta’ l-Artikolu 811 (A) tal-Kap 12 kif ukoll ghar-raguni ta’ qerq fil-kuntest ta’ l-Artikolu 811 (B) tal-Kap 12 u talbu wkoll sussegwentement smiegh mill-gdid tal-kawza fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bint ir-rikorrenti Maxine Attard li allura kellha ghoxrin sena rceviet ic-citazzjoni fid-dar matrimonjali taghhom. Dak iz-zmien kienet qed toqghod mal-genituri taghha. Gharfet il-firma fuq il-pink card illi kopja taghha esebita a fol 44 tal-process. Xehdet illi l-genituri jiggestixxu n-negozju taghhom mill-garage tar-residenza taghhom u ghandhom indirizz wiehed kemm ghad-dar u kif ukoll ghall-kumpanija. Fost affarijiet ohra qalet *“jiena ma kontx naghmel distinzjoni bejn il-posta illi kienu jircievu personalment il-genituri tieghi u l-kumpanija. Il-posta kollha li kont nircievi kont naghmilha kollha flimkien u nhalliha ghalihom.”*

Fl-affidavit tieghu r-rikorrent Leonard Attard f’paragrafu 15 fol 18 ighid *“kont ircevejt citazzjoni mill-Qorti dwar din il-kwistjoni. Jiena kont warrabtha minghajr ma ghidt xejn lill-mara Maria Dolores Attard il-ghaliex il-kwistjoni konna solvejniha barra l-Qorti.”* Spjega illi huwa sar jaf bis-sentenza meta rcieva ittra minghand l-avukat bid-data 26 ta’ Gunju 2006 u skond hu l-qerq ta’ Ganado kien fis-sens illi marru l-Qorti u hadu sentenza minn wara daru meta kienu jafu li ma kienx hemm kwistjonijiet bejniethom.

Martu Maria Dolores Attard fl-affidavit taghha a fol 33 qalet li qatt ma rceviet xejn u zewgha ma qalilha xejn dwar din il-kwistjoni li kellhom mal-konjugi Ganado. Spjegat illi kellhom procedura d-dar illi meta jircievu xi att jekk ikun hemm hi, tircevieh u tiffirma ghalih. Jekk ikun hemm it-tfal specjalment dawk maggorenni allura f’dak il-kaz jircevuh huma u jghadduh jew lilha jew lir-ragel taghha. Pero’ f’din il-kawza partikolari qatt ma hadet xejn. Qalet pero’ li r-ragel taghha ma kienx jaf bil-kawza.

Ir-rikorrent Leonard Attard in kontro-ezami a fol 48 jikkontradixxi dak illi qal fl-affidavit. Filwaqt illi ma setghax jaghraf il-firma tat-tifla, din id-darba quddiem il-Qorti qal *“... sirt naf l-ewwel darba bil-kawza b’permezz ta’ ittra ta’ Gunju 2006 fejn kont gejt mitlub inhallas l-ispejjez tal-kawza kollha.”* Ikkonferma l-procedura illi l-familja tuza meta jircievu xi att fejn qal illi *“normalment meta d-dar nircievi xi ittri li jkunu ndirizzati lili u jkun hemm it-tifla*

*Maxine, din tghaddihomli."* Qal li f'dan il-kaz ma setghax ighid jekk ghaddietilhux jew le.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond tar-rizultanzi fuq imsemmija hija lampanti, l-kontradizzjoni li dahal fiha r-rikorrent Leonard Attard fejn fl-affidavit a fol 18 ighid car u tond li rcieva l-att tac-citazzjoni mill-Qorti izda warrabha, mentri quddiem din il-Qorti fil-kontro-ezami ghal darba darbtejn qal li ma rcieva xejn. Dana pero' ma jezonerahx mir-responsabbilta' illi jara illi l-atti jkunu rcevew id-dar jaslu fejn ghandhom jaslu biex huma jkunu f'posizzjoni illi jwiegbu dak li jkun gie allegat fil-konfront taghhom.

Fil-kawza <u>Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar</u> (Vol LXXVI pt iv pg 666) il-Qorti affermat il-principju illi min jallega illi ma giex debitament notifikat ghandu jgorr l-oneru illi jipprova tali allegazzjoni u jrid ukoll jipprova sodisfacentement illi hu ma kellu ebda htija f'dak illi gara.

Bir-rispett il-Qorti jidhrilha illi r-rikorrenti ma waslux biex jaghmlu din il-prova. Irrizulta car illi l-att twassal fir-residenza taghhom u rcevietha t-tifla taghhom Maxine li gharfet il-firma fuq il-pink card. Minn hemm il-quddiem ir-responsabbilta' waqghet fuq il-konjugi Attard biex jaraw l-att x'kien u iwiegbu ghaliha skond il-kaz. Ir-rikorrenti ma jistghux ighidu li t-tifla taghhom Maxine ma kienetx awtorizzata tircievi l-att jew inkella illi n-notifika kellha tkun ukoll f'idejn il-mara Maria Dolores Attard.

Fil-kawza <u>Alfred Cachia noe vs Salvino Sullivan et</u> (Vol LXXI pt ii pg 303) il-Qorti qalet "*l-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi inter alia illi kopja ta' l-iskrittura tista' tithalla f'idejn membru tal-familja tal-persuna li trid tigi notifikata, fil-lok fejn toqghod, u hu ta' natura generika u huwa ntiz biex ikopri l-kaz tan-notifika sia tal-persuna fizika, sia tal-persuna morali."* F'dan il-kaz huwa car illi Maxine Attard taqa' taht din il-figura tal-membru tal-familja u hija prassi taghha li ma taghmilx distinzjoni bejn posta personali u dik tal-kumpanija. Kienu r-rikorrenti stess illi nkarigaw lit-tfal taghom fosthom it-tifla

Maxine illi jircievu atti ghan-nom taghhom u skond l-affidavit tar-rikorrenti Leonard Attard qdiet il-funzjoni taghha ghax ighid car u tond li rceviha izda warrabha ghax minghalih illi ma kienx hemm kwistjonijiet ma’ l-intimati.

Ikkunsidrat:

Il-fatt li l-intimati adixxew il-Qorti biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom, ma jwassalx ghall-qerq kif donnhom qeghdin jippretendu r-rikorrenti.  Il-qerq mhijiex xi haga li tigi pprezunta imma ghandha tigi ppruvata u dan bl-ebda mod ma sar u lanqas ma l-Qorti tista’ ticcensura xi parti li tkun adixxiet il-Qorti sabiex tissalvagwardja d-dritt li jidhrilha li ghandha. Ghalhekk f’dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-ewwelnett ma rrizulta l-ebda qerq min nahha ta’ l-intimati bl-istituzzjoni tal-kawza u konsegwenza sentenza tal-31 ta’ Mejju 2006 u lanqas ma tara xejn irregolari fin-notifika lir-rikorrenti dwar il-kawza fuq imsemmija. Dina giet regolarment notifikata, nghatat lill-membru tal-familja li probabbilment inghatat lir-rikorrent illi ghazel li jwarrabha u ma jiehux azzjoni fuqha.  Tali agir jitfa’ r-responsabbilta’ tal-konsegwenzi fuq l-istess rikorrent u ma jistax issa jinheba wara skuzi opportunistici biex jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka u thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta’ Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet Francois Ganado et vs Leonard Attard et (Avviz Nru 326/05SM). Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------